MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2013

Numru. 1073/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs.**

**Mario Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mario Camilleri**, ta' tmintax (18) sena, imwieled il-Pieta' nhar is-17 ta' Gunju 1992, bin Mario u Emanuela neé Galea u residenti 'Emanuela', Triq is-Siegh, Swieqi, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0309292(M),

akkuzat talli nhar il-11 ta' Gunju 2011 ghal-habta ta' 03.00hrs gewwa San Giljan:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi

fuq il-persuna ta’ Duane Pace skont kif iccertifika Dr. Mark Rosso Reg. No. 2079 ta’ l-Isptar Mater Dei;

2. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Christian Lewis skont kif iccertifika Dr. Mark Anthony Attard Biancardi Reg. No. 3124 l-Isptar Mater Dei;

3. hedded bi kliem lil Duane Pace u Christian Lewis;

4. kiser il-bon ordni pubblika b’ghajjat u glied;

5. saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IBD 908 tal-marka Opel minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan jew waqt li kellu l-licenzja tas-sewqan sospiza;

6. saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IBD 908 tal-marka Opel b’manjiera perikoluza;

7. saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IBD 908 tal-marka Opel bi traskuragni;

8. saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IBD 908 tal-marka Opel b’negligenza;

9. naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magst. Dr. M. Hayman LL.D. fid-digriet tal-helsien mill-arrest datat 19 ta’ Frar 2010.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tittratta ma’ l-imputat Mario Camilleri bhala recediv u kif ukoll f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Duane Pace u Christian Lewis kif jidhrilha xieraq skont l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. “NS 10” – *a fol.* 47).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 33).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Semghet ix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet it-trattazzjoni da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

Rat in-nota ta' riferenza (*a fol.* 98).

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li fil-11 ta' Gunju 2011 ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu, Duane Pace, Christian Lewis u Leanne Lewis kienu telghin it-telgha hdejn l-ITS u f'daqqa wahda giet minn faccata, cioé mid-direzzjoni tal-ITS vettura Opel Astra saloon ta' kulur abjad li xeghlet il-*bright*, liema vettura laqtet, bil-mera taghha, lil Christian Lewis f'idu l-leminija tant li Lewis kellu flixkun Gatorade u dan spicca mwaqqa. Wara li gara hekk, din il-vettura waqfet, giet riversjata f'daqqa lejn il-persuni msemmija u mill-vettura hareg persuna li Duane Pace u Christian Lewis qalu li gharfu li kien l-imputat li gharfu fl-awla (*a fol.* 15 u 23). Dan beda jidghi u joffendihom talli laqtulu l-vettura. Jinghad li l-imputat ma kienx wahdu fil-vettura tant li Duane Pace u l-persuna l-ohra hebb ghal Duane Pace, Pace u l-persuna l-ohra spiccaw jitremblu mal-art u dak li nghad li kien l-imputat dahal fil-vettura u saq ghal fuq Duane Pace u l-persuna l-ohra li kienet mieghu (mal-imputat). Irrizulta li l-imputat allegatament gab kanna tal-hadid minn gol-vettura u mar biex jaghti biha lil Christian Lewis fuq rasu u dan laqtu f'idu x-xellugija u kissirlu l-*elbow*. Irrizulta wkoll li l-imputat allegatament mar ta' daqqtejn fuq Duane Pace u dan spiccat ferut f'idu tal-lemin.

Illi kif diga nghad, Duane Pace u Christian Lewis gharfu lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li ghamel dak li qed jigi akkuzat bih.  Da parti taghha, Leanne Lewis, filwaqt li ddeskriviet kif gara l-akkadut u tikkorrobora dak li qalu Pace u Christian Lewis, tghid li ma tiftakarx l-ucuh tal-persuni li maghhom kellhom argument.

Illi ta' min jinnota li da parte tieghu Duane Pace kien jiffrekwenta Pembroke u lill-imputat gie li rah di vista u wara tfittxija li Pace ghamel fuq Facebook setgha jasal biex jidentifika lil Mario Camilleri, specifikament mir-ritratti ezebiti (cioé Dok. “NS 6” u “NS 7” – *a fol.* 41 u 42).   Da parte tieghu Christian Lewis jghid li ma kienx jafu lil Mario Camilleri qabel gara li gara u kkonferma li ra dawn iz-zewg ritratti msemmija u minnhom setgha jaghraf lill-imputat.  L-Ufficjal Prosekutur ikkonferma li z-zewg ritratti msemmija kienu ttiehdu mill-allegati vittmi biex jidentifikaw il-persuna in kwistjoni (*a fol.* 8).

Illi da parti tieghu l-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri u fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija (Dok. “NS 1” – *a fol.* 34 *et seq.*) jghid li dakinhar tal-11 ta' Gunju 2011 kien rieqed id-dar.  Fost l-ohrajn, jghid li l-vettura IBD 908 Opel Astra ta' kulur abjad kienet ilha xi tlett gimghat bil-hsara.  Id-difiza ressqet lill-omm l-imputat tixhed li kkonfermat li l-vettura kellha xi hsara, u tghid li kien marrilha l-*clutch* taghha u li binha l-imputat kien id-dar dakinhar li sehh l-akkadut.

Illi l-Qorti tinnota li c-certifikat tat-twelid ezebiet mill-Prosekuzzjoni (Dok. “NS 8” – *a fol.* 43), li suppost kellu jkun dak tal-imputat, jirrizulta li kien ta' persuna ohra li certament mhuwiex tal-imputat.  Minkejja dan, u apparti l-fatt li ma kienx hemm kontestazzjoni da parte tad-difiza dwar l-identita' tal-imputat, il-Qorti xorta jirrizultalha li effettivament il-persuna li kellha quddiemha tul il-prosegwiment tal-kawza kien *di fatti* l-imputat *de quo*. Dan jirrizulta minn diversi dokumenti ezebiti fl-atti, fosthom l-isqarrija (Dok. “NS 1” – *a fol.* 34 *et seq.*), il-fedina penali (Dok. “NS 9” – *a fol.* 44 *et seq.*) u kif ukoll mill-ezami li sar lill-imputat meta gew moqrija l-akkuzi (*a fol.* 33).  *Di fatti*,

id-dettalji moghtija mill-imputat meta sarlu l-ezami jaqblu mad-dettalji elenkati fic-citazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi d-difiza tghid li l-aktar haga fundamentali f'dan il-kaz hija l-kwistjoni ta' l-identifikazzjoni. Il-Qorti tinnota li dan huwa minnu tant li dan huwa l-ewwel punt li jrid jigi sorvolat sabiex wara l-Qorti tkun tista' tevalwa l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat. Da parte taghha, id-difiza, fit-trattazzjoni taghha (*a fol.* 95 *et seq.*) tispjega ghaliex ma giex pruvat li effettivament l-imputat ikkommetta dak li qed jigi addebitat lilu. Id-difiza taghmel riferenza wkoll ghad-decizjoni moghtija fil-15 ta' Lulju 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Zammit**. Ta' min jinghad li din id-decizjoni taghmel studju approfondit ta' kif ghandu jinzamm *"identification parade"*. Il-Qorti tghid hekk fis-sentenza taghha:

"Fil-kaz in dizamina, naturalment, ma kienx hemm gurija; dan ifisser, izda, li l-ewwel qorti <u>kellha tikkunsidra bir-reqqa dawk ic-cirkostanzi kollha li kienu jistghu jitfghu xi dubju fuq l-attendibilita' tad-deposizzjoni ta' Mark Pace u ta' Carmen Magro, inkluz il-mod kif huma gew murija xi ritratti mill-pulizija u l-mod kif saret l-"identification parade"</u>".

Illi l-Qorti ser taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminal fit-13 ta' Mejju 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Steward Victor Dalmas** fejn inghad hekk:

"hu certament dezirabbli illi l-identifikazzjoni tal-imputat issir bla ma dak li jkun imsejjah biex jidentifika jigi b'xi mod, anki involontarjament, suggestjonat".

Il-Qorti tikkondividi pjenament ma dak li nghad fiz-zewg sentenzi kwotati hawn fuq pero ta' minn jinnota z-zewg punti saljenti segwenti: (a) fil-kaz odjern <u>**ma kienux**</u> il-Pulizija li wrew ir-ritratti lil Duane Pace u lil Christian Lewis pero kienu Pace u Lewis li hadu r-ritratti lill-Pulizija u *di fatti* l-Pulizija ma agixxewx fuq deskrizzjoni li gew moghtija

minn Pace u Lewis; (b) fil-kaz odjern ma nzammitx *identification parade*! Il-Qorti tinnota li din il-*parade* ma kienx hemm ghalfejn tinzamm *stante* li Pace u Lewis kienu diga identifikaw lill-imputat bhala l-persuna li maghhom kien hemm l-argument. B'hekk is-sentenza kwotata mid-difiza ma hijiex applikabbli ghall-kaz odjern.

Illi, apparti dan, Duane Pace u Christian Lewis huma certi li kien l-imputat li kienu nvoluti f'argument mieghu dakinhar tal-11 ta' Gunju 2011. Ma wrew l-ebda dubju dwar dan. Minkejja li l-imputat jghid fl-istqarrija tieghu li huwa kien rieqed id-dar fil-lejl in kwistjoni, il-Qorti thoss li m'ghandhiex taghti affidabilita ghal dan u dan ghal diversi ragunijiet:

(a) minkejja li Pace u Lewis ma gharfux in-numru ta' registrazzjoni tal-Opel Astra, huma gharfu li effettivament l-vettura kienet Opel Astra u li kienet ta' kulur abjad. Ir-rapprezentant tal-Awtorita tat-Trasport xehed illi l-vettura IBD 908 issejjah lil certu Stella maghrufa bhala Mary Camilleri u liema vettura hija Opel Astra ta' kulur abjad;

(b) minkejja li jirrizulta li l-post fejn sehh l-incident ma kienx xi wiehed imdawwal hafna, pero m'hemmx dubju li Duane Pace u Christian Lewis setghu jaghrfu lill-imputat minhabba l-kuntatt fiziku li kellhom mieghu tant li huma spiccaw feruti;

(c) l-istqarrija tal-imputat ittiehdet hamest (5) ijiem wara l-akkadut, tul liema zmien l-imputat setgha jahseb x'ghandu xi jghid fl-eventwalita' li jigi msejjah mill-Pulizija;

(d) kien biss meta xehdet omm l-imputat li qalet li l-vettura kellha hsara fil-*clutch*. Fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija, l-imputat jghid biss li l-vettura IBD 908 kellha l-hsara.

**Ikkunsidrat**

Illi, tent kont ta' dak li nghad fuq, il-Qorti hija konvinta li effettivament l-imputat ma kienx rieqed id-dar fil-lejl tal-11 ta Gunju 2011 kif huwa jghid li kien fl-istqarrija rilaxxata

minnu pero huwa effettivament kien il-persuna li mieghu Duane Pace u Christian Lewis kellhom argumenti fil-lejl imsemmi. Tenut kont ta' dan, il-Qorti ser taghti affidabilita lill-verzjoni moghtija minn Pace u Lewis.

**L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Imputazzjoni**
**(Feriti ta' Natura Gravi)**:
Illi l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Duane Pace u fuq il-persuna ta' Christian Lewis. Dr. Mark Rosso kkonferma c-certifikat rilaxxat minnu (Dok. "NS 3" u li jinsab *a fol.* 38) fir-rigward ta' Duane Pace u filwaqt li xehed li Pace, fost l-ohrajn, kellu ksur f'subajgh tal-lemin, ikklassifika dan bhala bhala gravi. Da parte tieghu, Dr. Mark Anthony Attard Biancardi (*a fol.* 73 *et seq.* u *a fol.* 81) kkonferma c-certifikat rilaxxat minnu (Dok. "NS 2" u li jinsab *a fol.* 37) fir-rigward ta' Christian Lewis u filwaqt li xehed li Lewis jkellu ksur fil-minkeb tax-xellug, ikklasifika l-griehi bhala gravi.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

"Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix,

ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi, wara li gie kkonstatat dak li ghadu kemm nghad u dak li jirrizulta mill-provi prodotti u kif sehh l-akkadut, il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-ksur fil-konfront ta' Pace u Lewis gab dak li jistipula Artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

**<u>It-Tielet (3) u r-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Theddid u Ksur tal-Paci Pubblika)</u>**:
Illi, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti mhijiex sodisfatta li din giet effettivament pruvata u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minnha. Mhux l-istess ghandu jinghad ghar-raba' (4) imputazzjoni. Dwar din l-imputazzjoni, il-ksur tal-paci pubblika, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. Dan gie pruvat u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati tar-raba' (4) imputazzjoni.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Sewqan minghajr Licenzja jew b'licenzja sospiza)</u>**:
Illi mix-xiehda moghtija mir-rapprezentant tat-Transport Malta fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2011 u minn Dok. "BF 2" (*a fol.* 61 u 62) ezebiet minnu fl-istess seduta, jirrizulta li fil-11 ta' Gunju 2011 l-imputat ma kellu l-ebda tip ta' licenzja tas-sewqan u li ma setghax jottjeni tali licenzja. M'hemmx dubju ghalhekk li l-hames (5) imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

**<u>Is-Sitt (6), s-Seba’ (7) u t-Tmien (8) Imputazzjoni (Sewqan b’manjiera perikoluza, traskuragni, negligenza)</u>**:
Illi x’jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz huwa wkoll pacifiku fl-ordinament gurikdiku taghna. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud**, deciza fis-6 ta’ Mejju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

“Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta’ sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta’ sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta’ esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita’ ta’ sewqan ta’ dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.

Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta’ l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan ‘bi traskuragni kbira’. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta’ sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta’ traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m’ghandux jiehu minhabba l-probabbilita’ ta’ hsara li tista’ tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.

Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta’ perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta’ taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita’ ta’ l-incident u l-presenza o meno ta’ traffiku iehor jew ta’ nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f’kaz partikolari jista’ jaqa’ taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta’ sewqan”.

Illi l-Qorti tinnota li da parte tieghu Pace jispjega li kienu fil-genb tat-triq f’liema parti tat-triq m’hemmx bankina. Ghandu jigi nnutat ukoll li hekk kif Pace u Lewis lemhu l-vettura misjuqa mill-imputat gejja mid-direzzjoni opposta din xeghlet il-*bright*, li juri li effettivament l-imputat induna

bihom u flok naqqas l-i*speed*, dan baqa' ghaddej bil-konsegwenza li l-mera tal-vettura laqtet lil Christian Lewis f'idu l-leminija tant li Lewis kellu flixkun Gatorade u dan spicca mwaqqa.

Apparti dan, jirrizulta wkoll li waqt l-argument, l-imputat rega' dahal fil-vettura, nizzel il-handbrejk bil-konsegwenza li baqa' nizel fejn kien hemm Duane u waqaf ezatt mieghu tant li Lewis haseb li l-imputat kien ser itajjar lil Duane u beda jghajjat biex Duane jzul minn nofs (*a fol.* 25-26).

Illi b'applikazzjoni ta' dak li nghad fid-decizjoni kwotata hawn fuq ghall-fatti tal-kaz in ezami m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputat effettivament kien qed isuq b'manjiera perikoluza u b'mod negligenti/traskurat. Ghaldaqstant jirrizulta li anke s-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

**<u>Id-Disa' (9) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ksur ta' Bail)</u>**:
Illi l-imputat qed jigi akkuzat ukoll illi kiser xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti meta nghata l-helsien mill-arrest. L-Ufficjal Prosekutur ipprezenta d-Digriet relattiv li gie mmarkat bhala Dok. "NS 5" (*a fol.* 40) minn fejn jirrizulta li l-imputat naqas li josserva zewg kundizzjonijiet u cioé dawk bin-numri erbgha (4) u sitta (6) fid-Digriet in kwistjoni. Filwaqt li l-ewwel kundizzjoni (cioé dik mmarkata bin-numru erbgha (4) hija l-kundizzjoni li tirrigwarda li l-imputat ma jikkomettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, il-kundizzjoni l-ohra msemmija hija dik rigward rinkazar. M'hemmx dubju li, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, anke d-disa' (9) imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi, ghajr ghat-tielet (3) imputazzjoni, l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati u l-fedina penali tieghu (minn liema jirrizulta li minkejja l-eta govanili tal-imputat, il-fedina penali tieghu mhijiex wahda nadifa u jirrizulta li anke kellu l-licenza tas-sewqan sospiza u dana rrizulta anke mill-provi mismugha). Il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni li dak li gie akkuzat bih l-imputat u li gie pruvat huwa ghamlu tul il-perijodu li fih kien inghata l-helsien mill-arrest. L-imputat ghandu jifhem li d-digriet meta nghata l-helsien mill-arrest kellu josservah skrupolozament. Dan naqas milli jaghmlu. Fic-cirkostanzi, il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Artikoli 214, 216(1)(d), 338(dd) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Stante li l-imputat qed jinsab hati taht Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 u **mhux** taht Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u *stante* li l-Prosekuzzjoni ma talbitx li l-imputat jigi skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan kif provdut f'Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65, il-Qorti mhijiex ser tordna li l-imputat jigi skwalifikat milli jkollu jew milli jottjeni xi licenzja tas-sewqan.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Duane Pace u Christian Lewis.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------